Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Abigail Lofaro LL.D. Dip. Stud. Rel.
Mag. Juris (Eur Law)

Awla 9

Il-Pulizija

(Spettur Gaetano Walker)

vs

Anthony Formston

Illum 3 ta' Mejju, 2002

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat fuq imsemmi Anthony Formston, iben Anthony u Carmen nee Fenech, imwieled Pieta fit-18 ta' Novembru, 1967 u detentur tal-karta tal-identita Nru. 476667M, li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli talli nhar l-20 ta' Dicembru. 2000 ghall-habta tal-10.30a.m. u fil-gimghat ta' qabel gewwa Triq il-

Merkanti il-Belt Valletti, u fis-suq miftuh rnaghruf bhala iI-Monti iffalsifika, jew biddel minghajr il-kunsens tas-sid l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh, jew tal-prodott ta’ industrija, jew xjentement. ghamel uzu ta’ dawn I-ismijiet, marki jew sinjali iffalsifiliati jew imbiddlin, ukoIl jekk rninn haddiehor, rninghajr il-kunsens tas-sid;

U aktar talli fl-istess cirkostanzi ghamel uzu xjentement ta’ marka, sinjal tabella. jew emblema Ii jkun fihom indikazzjoni Ii tista tqarraq Iix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegh merkanzija, b’din il-marka jew emblerna;

U aktar talli fl-istess cirkostanzi. qieghed fil-kumrnerc merkanzija Ii ghaliha giet irregistrata Trade Mark distintiva, wara Ii nehhew dik il-marka minghajr il-kunsens ta’ sidha;

U aktar talli fl-istess cirkostanzi. wahhal fuq merkanzija deskrizzjoni kummercjali falza, jigifieri wahhal iffalsifikata jew imbiddla cifra, kelma jew marka illi skond l-uzu tal-kummerc tiswa biex turi il-fatt illi l-merkanzija jkollha privattiva, privilegg jew jedd ta’ propjeta industrijali;

U aktar talli fl-istess cirkostanzi xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamrn ghandu ghall-bejgh, jew importa ghall-hsieb ta’ kummerc merkanzija b’marka, sinjal

jew emblema imxebbhin b'qerq;

U aktar talli fl-istess cirkostanzi, xjentement ghamel, zamm ghandu, jew ittrasferixxa lil haddiehor konn.klixe, makna jew ghodod ohra sabiex jiffalsifikaw, jew sabiex jigu wzati ghall-falsifikazzjoni ta' trade mark, u dan ai termini tal-Artikolu 298 (a), (c), (d), (e.iv), (f) u (g), 299, 300, 301, 302(a), (b), (c), 303, 304 (a), (b), (c), u (d), 305 tal-kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess cirkostanzi talli ghall-qliegh jew bi skop ta' kummerc stampa, immanifattura, iddupplika, jew b'xi mod iehor ipproduca jew ikkopja, jew bieghu, qassam, jew b'mod iehor offra ghall-bejgh, jew qassam xi artikoli jew xi haga ohra, bi ksur tal-jeddijiet, li johorgu mid-drittijiet ta' l-awtur li ghandha persuna ohra u protetti bil-ligi ta' Malta jew tahtha; U dan ai termini tal-Artikolu 298B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Prosekuzzjoni talbet lill-Qorti li f'kaz li l-imputat jinstab hati il-kwantita ta' Compact discs jigu ikkonfiskati jew/ u destrutti;

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tal-24 ta' Dicembru, 2001 li permezz taghha deherlu li tista tinstab htija jew htijiet taht

dak li hemm mahsub :

(a) Fl-Artikoli 298(1)(a)(c)(d)(e)(iv)(f)(g), 299, 300, 301, 302(a)(b)(c), 303, 304(a)(b)(c)(d), 505 tal-Kodici Kriminali;
(b) Fl-Artikolu 298B tal-Kodici Kriminali;

Semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb illi ma ghandux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti;

Semghet lix-xhieda kollha prodotti;

Rat il-provi li tressqu u d-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi fl-20 ta' Novembru tas-sena 2000 kienu ghamlu rapport lill-pulizija Sonia Demicoli u ohtha il-mara ta' Augusto Cardinale fis-sens illi kienu marru fuq il-monti il-Belt u hemm raw xi materjal tad-diski li kienu jippartjenu lil zwieghom Joe Demicoli u Augosto Cardinale

u marru jkellmu lill-bejjiegh, illi kien l-imputat fuq imsemmi, u skond huma beda jinsulentahom u joffendihom. Illi s-Surgent PS1387 Vincent Arlo kien kellem lill-imputat fuq imsemmi illi kellu CD ta' "Radju Filfla" u tmien cassettes bl-isem "Kabum". Dawn gew elevati ghal aktar investigazzjonijiet. L-imputat cahad li kien insulenta lil dawn iz-zewg nisa.

Illi aktar tard precizament fit-13 ta' Awissu, 2001 xehed Augusto Cardinale u qal illi huwa ma riedx illi jkompli jinsisti dwar dan il-kaz u li kien jahfer lill-imputat ta' dak kollu illi seta gara. Augusto Cardinale xehed li fil-gurnata in kwistjoni kellu s-CD tieghu ghall-bejgh fuq is-suq. L-isem tas-CD tieghu kien "Kabum". Augusto Cardinale xehed illi ma jidhirlux illi huwa kien irregistra din is-CD x'imkien. Sa fejn jaf hu ma kienx hemm xi trademark li kienet tkopri din is-CD u lanqas xi copyright.

Illi Sonia Demicoli, mart Joseph Demicoli, xehdet illi hija ukoll kienet tahfer lill-imputat ta' dak illi gara u ma xtaqitx illi tkompli tinsisti dwar il-kwerela li kienet ghamlet.

Illi Joseph Demicoli xehed illi ghandu kumpannja Radju Filfla li tohrog is-CDs, pero' xehed li din il-kumpanija ma kienet irregistrata imkien. Huwa xehed ukoll illi ma kellu l-

ebda interess f'dawn il-proceduri.

Ikkunsidrat :

Illi certament fil-kaz odjern ma giex ippruvat illi l-imputat fuq imsemmi iffalsifika jew biddel minghajr il-kunsens tas-sid xi isem, xi trademark, jew xi sinjal distintiv fuq xi prodott minghajr il-kunsens tas-sid u dana peress illi kif diga imsemmi aktar 'il fuq irrizulta illi Radju Filfla ma huwa irregistrat imkien u l-istess ighodd ghas-CD bl-isem "Kabum". Ma hemm l-ebda trademark jew copyright li jkopri dawn il-prodotti.

Illi huwa minnu li gew elevati xi CDs mill-pussess tal-imputat illi qieghed ibieghhom fuq il-Monti, pero' l-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq il-prova necessarja li dawn ic-CDs kienu b'xi mod gew iffalsifikati jew ikkupjati u cioe' li ma kienux originali.

Illi l-istess Ufficjal Prosekutur waqt is-seduta tas-7 ta' Marzu, 2002 iddikjara illi l-kaz kollu tal-Prosekuzzjoni ma giex ippruvat, kif ukoll illi l-parte civile kienet irrinunzjat ghall-kwerela taghha, liema fatt irrizulta ukoll mix-xhieda tal-parte civile kif diga intqal.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija l-Qorti filwaqt illi tiddikjara illi l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra l-imputat fuq imsemmi, tiddikjara lill-imputat fuq imsemmi **mhux hati** tal-istess imputazzjonijiet u tilliberah minn kull imputazzjoni htija u piena.

Il-Qorti konsegwentement tichad it-talba tal-Prosekuzzjoni ghall-konfiska tas-CDs li gew elevati mill-Pulizija.

(ft) Rita Saliba
Deputat Registratur